Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tas-Sitt Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 2 ta’ Awwissu 2012 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Xogħolijiet ta’ Toroq
5. Xogħolijiet ta’ tindif f’ Ħal Farruġ
6. Proġett tal-Family Park ġewwa Ħal Farruġ
7. Attivitajiet għax xahar t’ Awwissu
8. Approvazzjoni ta’ Ħlasijiet
9. Aġġornament

---

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Fuq il-punt 3.5 il-Kunsillier Caruana semma li ma kinitx saret il-laqgħa mal-kuntratturi waqt il-perjodu tal-festa. Is-Sindku irrisponda li l-kuntratturi kienu ġew l-Kunsill imma dakinhar il-Kunsillier Caruana ma setax jattendi peress li kellu l-Qorti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li dakinhar tal-festa il-karozzi ma kinux tneħħew kollha. Is-Segretarju semma li għal waqt dan il-perjodu kienu saru l-avviżi fuq il-Gażżetta u anki kienu twaħħlu karti f' dawk il-bnadi minn fejn kellha tgħaddi l-purċċissjoni.

3.2 Il-Kunsillier Caruana issuġġerrixxa biex f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra isir bus shelter. Huwa qal li għandhom jinstabu l-pjanti li kien għamel il-perit Mariello Spiteri sabiex naraw hemmx proposta għal bus shelter f din il-parti. Is-Sindku qal li diġa kienu saru proposti biex isiru bus shelters f' diversi partijiet ta' Ħal Luqa. Is-Sindku semma wkoll li fejn hemm l-istage fil-preżent quddiem Thomas Smith dan għandu jitressaq faċċata minħabba li fis-Sajf u fix-Xitwa qiegħed espost wisq għal elementi. Għandna ninfurmaw lill minn hu konċernat biex temporanjament jitressaq.

3.3 Il-Viċi Sindku semma biex isir laqgħa mar-rappreżentanti tal-Arriva sabiex meta jkun hemm ir-riforma jkun hemm servizz aħjar għar residenti ta' Ħal Luqa billi ningħataw opportunita li nressqu l-proposti tagħna.

3.4 Il-Kunsillier Caruana ippropoan biex jinxtara trailer li jista jinġarr mal-vann. Huwa qal biex jekk ikun hemm trailer dan għandu jkun mgħobbi bl-għodda f' każ li jkun hemm il-vann mgħobbi b affarijiet oħra. Is-Sindku qallu biex jieħu ħsieb iġib kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill jkun jista jiddeċiedi.

3.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa lis-Segretarju jekk il-kennies kienx lesta ix-xogħol tal-knis fi Triq Ħal Farruġ. Is-Segretarju wieġeb li huwa kien kellem lil-kennies u kien infurma lura li kellu jlesti x-xogħol kollu.

3.6 Il-Kunsillier Caruana tkellem ukoll fuq xogħolijiet tal-ELC li kienu saru imma ma ġewx kompluti. Huwa semma fuq żbir li kien sar fil-bandli u l-frieghi kienu għadhom ma nġabrux. Is-Sindku qal li qabel ma jitlesta x-xogħol kollu m għandux jinħareġ il-pagament.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li għadu jkun hemm tipjip fil-bandli u saqsa jekk jistax jkun hemm sorveljanza biex jinqatgħu dawn l-abbużi. Huwa semma jekk jistax jkun hemm sorveljanza bil-wardens. Is-Sindku semma li l-wardens marru għand ir-reġjun u se jkun hemm xi ħinijiet mhux fissi meta l-wardens se jkunu qed jagħmlu r-rondi. Dawn se jkunu qed isiru mill-green wardens. Fuq il-bandli s-Sindku qal wkoll lis-Segretarju biex tinkiteb ittra lill dawk il-ħwienet tal-ikel li hemm fil-viċin sabiex jieħdu ħsieb li tinżamm l-indafa.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li l-iskart qabel ma jinġabar qed jkun mitfugħ fil-kantunieri u peress li jkun hemm ħafna piż minn diversi boroż dawn qed jispiċċaw jerħu l-likwidu jinten minhom. Huwa appella biex inkellmu l-kolletur sabiex ma jibqax jagħmel din il-ħaġa.

3.9 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet jekk kienx sar id-dawl fil-Housing Estate. Is-Sindku irrispondiha li dan kien sar u qed ikompli jagħmel pressjoni peress li kien hemm xi intoppi min naħa tal-KNPD minħabba r-rampa meta dawn kienu suppost ikklearjati. Hija saqsiet ukoll jekk sarux rifriskar ta żebgħa fi Triq il-Qasam Sperimentali.

3.10 Il-Kunsillier Camilleri semma li fejn joqgħod is-Sur. Grima qed ikun hemm problema biex dan jimmanuvra bil-karozza u ssuġġerrixxa għalhekk biex jitnaqqas parking bay biex ikun hemm iktar kumdita. Is-Sindku wieġeb li mhux għalkemm tneħħi parking bay għax jistgħu jinqalgħu problemi akbar. Huwa qal ukoll li huwa stess se jkun qed jara fuq il-każ fuq il-post.

3.11 Il-Sindku saqsa lil-Kunsillier Camilleri fuq l-inizjattiva Logħob għal Kulħadd biex jagħti aktar dettalji fuqha. Il-Kunsillier Camilleri semma li din se tkun inizjattiva organiżżata mis-Soċjeta ta San Pawl tar-Rabat u se jkun hemm xi water sports. Is-Sindku ippropona biex għal din l-inizjattiva jkun hemm organiżżazzjoni flimkien mal-Kunsilliera Sammut u Falzon. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem f din l-inizjattiva.

3.12 Is-Sindku ppreżenta ittra minn naħa tal-Luqa Youth Centre fejn qallu li se jkunu qed jorganiżżaw serata ta talenti u jekk il-Kunsill jistax jgħin b xi mod. Għalkemm il-Kunsill qabel li għandha tingħata kull għajnuna possibli sabiex iż-żgħażagħ ikompli jtejjbu t-talenti tagħhom, is-Sindku ssuġġerrixxa biex ikun hemm laqgħa mar-rappreżentanti tal-Youth Centre biex jagħtuna aktar informazzjoni dwar din l-attivita.

3.13 Is-Sindku ippreżenta korrispondenza oħra li tirrigwarda courses tal-First Aid. Huwa semma xi prezzijiet li qed jintalbu għal dawn il-courses. Fil-fehma tal-Kunsilliera preżenti il-prezzijiet li kien hemm mitluba għal dawn il-courses kienu għoljin. Huma qablu wkoll li għandu jkun hemm okkażżjoni fejn isiru dawn it-tip ta courses.

3.14 Is-Segretarju semma li dwar l-applikazzjoni tal-courses tal-Lifelong Learning saru il-kuntatti neċessarji sabiex ikunu jistgħu jiġu organiżżati dawn il-courses. Huwa semma wkoll li qed isiru preparamenti sabiex napplikaw għal fondi Ewropej biex isiru photo voltaic cells għal Ufficċju Amministrattiv il-ġdid.

## 4.0 XOGĦOLIJIET TA' TOROQ

4.1 Is-Sindku qal li tkomplew ix-xogħolijiet ta toroq ġewwa Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Huwa qal li l-kuntrattur kompla bix-xogħolijiet tal-bdil tas-servizi tal-ilma u wara dan se jsir it-tarmac. Is-Sindku qal wkoll li wara Triq Andre Vassallo se jitkompla x-xogħol fuq it-toroq l-oħra li hemm taħt l-iskema tal-PPP.

## 5.0 XOGĦOLIJIET TA TINDIF F' ĦAL FARRUĠ

5.1 Is-Sindku qal li bħalissa f' Ħal Farruġ għadu kif sar xogħol ta tindif kbir. Huwa semma li kien hemm ukoll il-Kunsillier Caruana li kien dejjem preżenti fuq il-post flimkien miegħu waqt li kien qed isir ix-xogħol.

5.2 Fost ix-xogħolijiet li semma s-Sindku huwa qal li sar xogħol ta żebgħa fi Triq il-Vitorja, fil-bandli, kif ukoll maġenb il-Kappella u xogħol ta tindif fi Triq Wied in-Noqor. Huwa semma li dawn ix-xogħolijiet saru b inizjattiva tal-Kunsill stess u bil-koperazzjoni tal-ħaddiema li hemm assenjati mal-Kunsill. Huwa qal ukoll li qed tkun mistennija li jkun hemm aktar koperazzjoni mill-pubbliku biex jinżamm il-post nadif.

## 6.0 PROĠETT TAL-FAMILY PARK ĠEWWA ĦAL FARRUĠ

6.1 Is-Sindku semma li diġa hemm it-tenders fuq il-Family Park ta' Ħal Farruġ. Huwa qal li l-Kunsill qed jistinka mal-MEPA sabiex jinħareġ il-permess u jinbeda x-xogħol.

6.2 Is-Segretarju qal li l-applikazzjoni bħalissa tinsab għand l-EPD biex jingħata feedback u jkun jista jkompli jitmexxa fil-proċess. Huwa qal li din l-applikazzjoni ilu ma jkun hemm moviment fuqha mit-2 ta' Mejju.

## 7.0 ATTIVITAJIET GĦAX XAHAR T' AWWISSU

7.1 Is-Sindku ppreżenta wkoll ittra li titkellem dwar iċ-ċentinarju mill-egħluq tal-mewt ta Mikielanġ Sapiano sabiex isiru xi ativitajiet li jikkomemoraw din il-persuna. Din l-ittra kienet mibgħuta mingħand is-Sur. Joe Said u kien hemm wkoll peresuni oħrajn imsemmija fl-ittra. Is-Sindku semma li tkun idea tajba li din il-personalita tkun ikkomemorata kif suppost. Is-Sindku qal lis-Segretarju sabiex jikkordina laqgħa u tingħata iktar informazzjoni. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandna naħdmu fuq din l-inizjattiva.

7.2 Il-Kunsillier Sammut semmiet li waqt is-Summer School se tkun qed isir ħarġa fl-10 t' Awwissu għat tfal. Hija qalet li bħala ħin se tkun bejn it-8 ta filgħodu sas-6 ta filgħaxija. Is-Sindku qal li bħala Kunsill jista jieħu ħsieb għat Trasport.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsillier Caruana ressaq kont ta xogħol tal-injam li sar fuq il-bieb tad-Daycentre minħabba li kien għaddej ix-xogħol tal-kostruzzjoni.

8.2 Il-Kunsillier Caruana semma biex il-kontijiet li jappartjenu lill-kennies kif ukoll dak tas-soft areas ma jiġux mħallsa għalissa peress li x-xogħol ma kienx sodisfaċenti. Is-Sindku wieġeb li dawn il-pagamenti għadhom mizmuma

8.3 Meta s-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall approvazzjoni, din kienet approvata b vot unanimu.

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu 2012, fis-6.40 p.m. Huwa aġġorna d-data għal aħħar ġimgħa t' Awwissu 2012.

Konfermati llum ________________________ 2012.

______________________ John Schembri Sindku

______________________ Michael Portelli Segretarju Eżekuttiv